Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 78

Data tal-laqgħa: 19 ta' Ġunju 2024

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku (MLB)
Stephen Gatt - Kunsillier (SG)
Andrè Grech – Kunsillier (AG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-4.15pm.

## 78.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

78.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 77

78.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Numru 77. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

78.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier AG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG, il-minuti ġew approvati.

## 78.3 Festa 2024

78.3.1 Saret referenza għat-talba mill-Każin tal-Banda Filarmonika Marija Annunzjata biex ma jintramawx gabbani fil-pjazza man-naħa tal-bandli, peress li din is-sena ser iżanżnu kolonni ġodda u bil-gabbani quddiemhom ma jkunux jistgħu jiġu apprezzati. Dwar dan il-Kunsill ħa parir legali. Is-Sindku qara r-risposta tal-avukat li tgħid:

*'Ġaladarba l-permessi diġà ħarġu marbutin mal-fatt li l-festa ta' din is-sena hi inqas minn xahrejn il-bogħod mhux se jkun possibli li jsiru xi arranġamenti jew tibdil fil-permessi f'dan l-istadju.*

*Dan għaliex l-liġi sussidjarja li tirregola dawn l-materji tgħid li l-Kunsill għandu jippublika fejn se jkunu qed jitpoġġew dawn il-kjosks minn tal-inqas xahrejn qabel il-festa partikolari. Dan huwa regolat L.S.441.04 artiklu 10 sub artiklu 8 b (ii).*

*Għaldaqstant filwaqt li għal festa ta' din is-sena mhux se jkun possibli stante il-liġi li jinbidel il-permess maħruġ xejn ma jżomm il-Kunsill li għas-sena dieħla jagħmel it-tibdiliet meħtieġa'.*

78.3.2 Kien hemm qbil unanimu li nimxu fuq il-parir tal-avukat u għalhekk din it-talba ma tistax tiġi approvata. Kien hemm qbil ukoll li mill-bidu tas-sena d-dieħla jsir eżerċizzju biex jiġu identifikati posti ġodda għal dawn il-gabbani.

## 78.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

78.4.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 06/24, li tinkludi l-ammont ta' €156.74c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Mejju 2024.

78.4.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier ONDG li kien issekondat mill-Kunsillier SG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 78.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

78.5.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.20pm. Il-laqgħa li jmiss se ssir illum stess, l-Erbgħa, 19 ta' Ġunju 2024 fl-4.30pm.

78.5.2 Il-Kunsill irringrazzja lill-Kunsillier SG tax-xogħol kollu li għamel b'dedikazzjoni lejn il-Kunsill u nfurmawh li l-bieb se jkun dejjem miftuħ.

Konfermati, illum l-Erbgħa, 19 ta' Ġunju 2024.

IFFIRMATA
Dr Angelo Micallef
Sindku

IFFIRMATA
Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv